MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 867/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Amabile Grech**
**Emanuel Attard**

**Kumpilazzjoni Nru: 867/2002**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Amabile Grech**, ta’ 30 sena, bin Emmanuele u Giorgia nee’ Busuttil, imwieled Pieta’ fit-19 ta’ Awissu, 1971 u residenti fil-fond St. Catherine, Triq l-Ixprunara, M’Xlokk, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 361471(M); u

**Emanuel Attard**, ta' 35 sena, bin Joseph u Rose nee' Camilleri, imwieled Pieta, fid-19 ta' Gunju, 1965 u residenti fil-fond Flat 3, Block C, Triq Giovanni Bonavia, Luqa u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 294965(M).

Akkuzati f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq l-Valur Mizjud, talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Mejju, 2001, u/jew f'xi data qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess d-disposizzjoni u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda instabu illi:
a) Xjentement kellhom fil-pussess taghhom u jew taht il-kontroll taghhom l-oggetti indikati fin-nota ta' qbid 24/2002 billi xjentement irtiraw dwn l-oggetti kontra l-ligi minn lok ta' kustodja u dan bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazju jew biex jehilsu minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni fuq dawn l-oggetti, liema dazju ta' importazzjoni u dazju ta' Sisa, ukoll, ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.
b) Talli xjentement kellhom fil-pussess taghhom u taht il-kontroll taghhom oggetti li l-valur taghhom huwa ta' Lm98.10 kif inhuma imnizzlin fin-nota tal-qbid, liema oggetti ghandhom valur ta' dazju ta' importazzjoni u dazju tas-Sisa totali ta' Lm6.72, 7 rispettivament u liema dazju ta'l-importazzjoni, u dazju tas-Sisa ma gewx imhallsa u jew kawtelati u li fuqhom tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm15.72,4 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, ui dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nr. XXIII ta' l-1998), kif ukoll bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (e) (e) (l) (k) (n) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-Artikoli 16 (j) u 17 (a) (b) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazji tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel ikkommettew serq aggravat ta' diversi oggetti li l-ammont taghhom jaqbez id-LM90 u dan ghad-detriment ta' Advance Shipping Limited u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-persuna u bil-hin u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 263, 268 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:
a) 60(c)(d)(e), 62(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 16(j) u 17(c)(b) ta'l-Att XVI tas-sena 1995;
c) 80 ta'l-Att XXIII tas-sena 1998;
d) 261(b)(d)(f), 263, 268, 270, 278, 279, u 280 tal-Kodici Kriminali;
e) 18, 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi f'l-ewwel lok ghandu jigi rilevat li ai termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati huma relatati ma' ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kapitoli 9, 37, 382 u 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni mill-pulizija ghal reati kommessi bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 37 u 406 jirrikjedu talba da parti tal-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud rispettivament[1]. Giet prezentata t-talba maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana pero ma gietx prezentata t-talba da parti tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq minn bonded stores tas-socjeta Advance Shipping Agency Limited li allegatament instabu fil-pussess ta'l-imputati; ghal dawn l-oggetti ma thallasx dazju u taxxa fuq il-valur mizjud.

[1] Illum jezisti Kummissarju tat-Taxxi li jassumi r-rwoli li precedentment kienu jappertjenu lill-Kontollur tad-Dwana, lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni) pero fil-perjodu tar-reati in ezami kienu tlett persuni separati u distinti.

Illi jirrizulta li s-socjeta Advances Shipping Limited kienet topera bonded stores f'Hal-Far u li minn dan il-post kienu qed jonqsu xi affarijiet fuq medda ta' xhur; ghalhekk giet stallata sistema ta' sigurta permezz ta' CCTV; inkarigat minn dan il-mahzen kien certu Alfred Dimech. Kien hemm okkazzjoni meta fir-recording ta' dan ic-CCTV gew notati tlett persuni jidhlu fil-mahzen, jaghzlu affarijiet u johorgu b'l-oggetti maghzulin. Il-persuna li xehdet in rapprezentanza tas-socjeta Advanced Shipping Limited, Joseph German, qal li huwa m'gharafx lill-imputati bhala l-persuni li ra fir-recording.

Illi l-istess xhud, Joseph German, prezenta lista ta'l-impurtaturi li kienu rrappurtaw nuqqasijiet fil-konsenji taghhom fil-perjodu fuq imsemmi kif ukoll ittra minghand kull wiehed minn dawn l-impurtaturi b'dettali ta'l-oggetti li sabu nieqsa. Ma giex specifikat minn dan ix-xhud liema minn dawn l-oggetti huma dawk li bis-serq taghhom qed jigu akkuzati l-imputati.

Illi xehed ukoll Martin Debattista in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana li prezenta zewg talbiet ta'l-imsemmi Kontrollur indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittiehdu proceduri kontra l-imputati (letter to prosecute) u zewg noti ta' qbid (seizure note). A bazi ta' dawn id-dokumenti qed jigi allegat li nstabu l-oggetti indikati fin-nota ta' qbid 23/2002 fil-pussess ta' Amabile Grech u l-oggetti indikati fin-nota ta' qbid 24/2002 fil-pussess ta' Emanuel Attard; fil-fatt it-talba (letter to prosecute) dwar Amabile Grech il-Kummissarju tal-Pulizija qed jintalab jiehu passi fil-konfront ta'l-imsemmi Grech b'referenza ghall-oggetti elenkati fin-nota ta' qbid 23/2002, fil-waqt li fit-talba (letter to prosecute) dwar Emanuel Attard il-Kummissarju qed jintalab jiehu passi fil-konfront ta' Attard b'referenza ghall-oggetti elenkati fin-nota ta' qbid 24/2002. Ingieb xhud iehor mid-dipartiment tad-Dwana biex jaghti l-valur ta' l-oggetti elenkati fin-nota ta' qbid u konsegwentement jindika il-valur ta' dazju fuq dawn l-oggetti. Ma ngib hadd biex jikkonferma n-noti ta' qbid jew biex jghid minn fejn u kif gew sekwestrati dawn l-oggetti. Fil-fatt ma resaq l-ebda xhud biex jikkonferma li l-oggetti elenkati f'l-imsemmija noti ta' qbid gew elevati mill-

pussess ta'l-imputati; lanqas gie stabbilit xi ness bejn dawn l-oggetti jew l-imputati. In oltre minn ezami ta'l-ittri annessi mad-dokument prezentat minn Joseph German (Dok JG1), liema ittri juru l-oggetti li gew misruqa fuq medda ta' xhur mill-bonded stores operat minn Advance Shipping Limited, ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku li l-oggetti elenkati fiz-zewg noti ta' qbid huma jiffurmaw parti mill-oggetti rappurtati misruqa mill-impurtaturi.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri giet prezentata l-istqarrija rilaxxjata minn kull wiehed mill-imputati. Dawn l-istqarrijiet gew rilaxxjati qabel ma' dahlet fis-sehh id-dispozizzjoni tal-Kodici Kriminali li tesiegi li persuna suspettata tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata; fil-fatt l-imputati ma natghux dan id-dritt. Iz-zewg imputati talbu li dawn l-istqarrijiet jigu sfilzati pero din il-Qorti, konformament ma' numru ta' sentenzi mghotija mill-Qorti Kompetenti cahdet din it-talba, pero, ukoll konformament ma' l-istess sentenzi din il-Qorti ma tista' taghti l-ebda valur probattiv lil dawn l-istqarrijiet u ghandha tiskarta l-kontenut kollu taghhom.

Illi ai fini ta' kompletezza ghandu jigi rilevat li l-ewwel zewg imputazzjonijiet indikati fic-citazzjoni li permezz taghha inbdiet din il-kawza jaghmlu referenza ghal nota ta' qbid wahda, b'mod li l-imputazzjonijiet fil-konfront taz-zewg imputati jirreferu ghall-oggetti indikati f'din in-nota ta' qbid u cioe dik bin-numru 24/2002. Pero l-Kontrollur tad-Dwana f'l-ittri tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija talab li jittiehdu passi fil-konfront ta'l-imputat Eamneul Attard biss b'referenza ghall-oggetti elenkati fin-nota 24/2002 u talba specifikatament li proceduri kontra l-imputat Amabile Grech b'referenza ghall-oggetti imsemmija fil-nota ta' qbid 23/2002.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kollha hawn fuq elenkati zgur li ma jistax jinghad li gew pruvati l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------